Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Fl-atti tac-*challenge* fl-ismijiet:**

**Joseph Baldacchino**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 16 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Joseph Baldacchino ipprezentat fil-11 ta' Settembru 2015.

Rat il-provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta' Ottubru 2015 fejn it-talba maghmula mir-rikorrenti sabiex in-notitia criminis minnu maghmula lill-pulizija tigi tradotta f'azzjoni penali u dan wara l-inattivita minn naha tal-Kummissarju intimat.

Semghet trattazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti kif ukoll is-sottomissjonijiet ta'l-Avukat Generali ghat-talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat,

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' Joseph Baldacchino li permezz tieghu qed jappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali,

minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn it-talba tieghu giet michuda.

Illi l-appellanti qieghed jippretendi illi ghandha tittiehed azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat hekk ismejjah *judicial jew legal perjury*. Dana jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Fil-fatt l-appellanti jikkontendi illi certu Claire Sciberras xehdet il-falz f'affidavit li gie ipprezentat f'kawza istitwita minnu u li tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Baldacchino et vs Fabian Fenech et (Rks.Nru. 359/13). Illi l-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.

Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero.*"[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Illi madanakollu il-falsita oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo ighid: "*In all cases in order that the crime of*

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist.*" Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa***." (sottolinjar tal-Qorti).

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted.*"

Issa l-procedura hekk imsejha "tac-*challenge*" kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f'certu sens, procedura straordinarja. "*Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge - li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata - trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.*

*L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-*

*kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.*[2]"

Illi bl-azzjoni ta'l-isfida intentata mill-appellanti irid jigi determinat allura jekk *prima facie* jirrizultawx l-elementi hawn fuq elenkati li isawwru ir-reat ta'l-ispergur b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza. L-appellanti jishaq illi l-Kummissarju tal-Pulizija kellu imexxi bl-azzjoni penali fil-konfront ta' Clare Sciberras fuq il-premessa illi dak mistqarr minn din ix-xhud fl-affidavit taghha imur kontra dak li tghid xhud iehor indipendenti li hija Perit li anke esebiet xi ritratti sabiex tissostanzja dak li ikkonstatat. Illi madanakollu anke dak affermat mix-xhud Sciberras fl-affidavit taghha jidher ukoll illi huwa issostanzjat bi provi ohra fosthom xi ritratti. Issa ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti, u tal-Qorti tal-Magistrati qabilha, li tindaga dwar ir-rilevanza o meno ta' xhieda f' kawza ohra u dan meta dik il-kawza ghadha fi stadju ta' gbir tal-provi u ghalhekk huwa prematur li jigi determinat jekk *prima facie* xi hadd huwiex qieghed intenzjonalment jixhed il-falz. Fuq kollox kunflitt fil-provi ma ifissirx necessarjament illi xi hadd qieghed jigdeb ghaliex kull xhud ighid dak li huwa jippercepixxi bis-sensi tieghu kif gara f'dan il-kaz. Alla hares kull kunflitt fil-provi jissarraf fil-prosekuzzjoni ghal reat ta' spergur. Il-fatt wahdu illi xhud iehor ma ikunx qieghed jaqbel f'dettall dwar xi haga ammessa minn xhud iehor ma iwassalx necessarjament ghar-reat ta'l-ispergur. Illi finalment huwa biss bid-decizjoni finali tal-Qorti fil-kawza civili illi jista' jigi stabbilit jekk dan id-dettall fix-xhieda ta' Sciberras kellux xi effett fuq dik id-decizjoni u mhux qabel! Illi fil-kamp penali il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ipotezi, anke jekk *prima facie* – u cioe' fuq ipotezi illi dak mistqarr minn xhud allegatament falz, jista' ikollu effett fuq il-gudizzju finali tal-Qorti li tkun qed tisma il-kawza. Fuq kollox l-appellanti ghad

[2] Joseph Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija – Qorti Kirminali – 03/11/2003

fadallu ir-rimedju tal-kontro-ezami ta' dak mistqarr minn din ix-xhud haga li ma jidhirx li ghada saret. Kwindi l-azzjoni minnu intentata hija certament prematura.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed mir-ragjonament ghaqli milhuq mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha fuq kollox meta gie deciz illi il-qrati civili bis-setgha moghtija lilhom fl-artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jordnaw li jittiehdu dawk il-passi kollha necessarji skont il-ligi kontra dawk ix-xhieda li fid-diskrezzjoni taghhom jidhrilhom illi ikunu qed jixhdu il-falz. Setgha li ma ghandhiex tigi ezercitata minn din il-Qorti anke jekk fuq bazi *prima facie*.

Finalment l-ahhar aggravvju imressaq mill-appellanti illi jekk huwa jistenna sabiex jittiehdu l-passi necessarji wara li il-qorti civili tkun lahhqet id-decizjoni taghha, ikun hemm ir-riskju illi l-prosekuzzjoni tar-reat jaqa' bil-preskrizzjoni peress illi t-terminu huwa wiehed qasir ta' hames snin, huwa ghal kollox fieragh billi certament ma ghandhiex tkun din il-konsiderazzjoni li twassal lil din il-Qorti sabiex tilqa' it-talba tieghu, konsiderazzjoni li ma ghandha l-ebda bazi legali.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur